**Eżami għad-Dħul fl-Ewwel Sena tal-*Junior Lyceum***
**MALTI**
**2001**

**A. Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:**
*L-istudenti huma mħeġġa jiktbu pulit u bla żbalji. Dan jgħodd ukoll meta jikkupjaw minn naħa għal oħra.*



# LI KIEKU KIEN GĦASFUR

**Owen minn dejjem xtaq li jkun għasfur. S'issa qatt ma kien għasfur, iżda jixtieq. M'ilux meta konna qed nitkellmu flimkien qalilna dan il-kliem:** *(par. 1)*

**Waqt li qgħadt noħlom, darba waħda indunajt kemm kienet ħaġa sabiħa li tkun għasfur. Ħalli nibda ngħidilkom kif ħassejtni dak il-ħin.** *(par. 2)*

**Malli bdejt naħseb ftakart li inti tista' tibda tpespes u tagħmel ħafna affarijiet. Tista' tgħanni ħafna għanjiet sbieħ. Tista' ttir fil-għoli tas-smewwiet fuq djar, għoljiet. . . Kullimkien intir kieku kont għasfur.** *(par. 3)*

**Kieku kont għasfur kollox kont inkun nista' nagħmel. Inkun nista' nistrieħ fuq siġar għoljin kollha ħodor mimlijin fjuri, frott u weraq lixx. Li kieku dan kellu jkun veru! Kemm kont nieħu gost inħoss dak il-ferħ fija!** *(par. 4)*

**Kont inkun nista' nibni xi bejta imma mhux bħal tas-soltu. Nibni bejta kollha fjuri, frott u biċċiet ta' l-ikel. . . lapsijiet, karti u biċċiet ta' l-ikel. . . kulma nsib. Imma din hija biss ħolma.** *(par. 5)*

***(Kitba ta' Vittorio mis-sitt klassi primarja - miġjuba kelma b'kelma.)***



1. X'kienet ix-xewqa ta' Owen? *(par. 1)* *(marka)*

________________________________________

2. Kemm ilu jixtieq li jkun dil-ħaġa? *(par. 1)* *(marka)*

________________________________________

3. Meta induna li hi ħaġa sabiħa? *(par.2)* *(marka)*

________________________________________

4. Semmi xi ħaġa milli kien ikun jista' jagħmel. *(par. 3)* *(marka)*

________________________________________

5. Semmi xi ħaġa li Owen jgħid fuq is-siġar. *(par. 4)* *(marka)*

________________________________________

6. X'kien iħoss Owen kieku dak li kien jixtieq kien veru? *(par. 4)* *(marka)*

________________________________________

7. Semmi xi ħaġa milli Owen ried jagħmel fil-bejta. *(par. 5)* *(marka)*

________________________________________

8. Owen ma qatax xewqtu. Kif taf? *(par. 5)* *(marka)*

________________________________________

9. Tifla kitbet it-tielet paragrafu ta' l-istorja kif ġej. Imla l-vojt bil-kliem li ħalliet barra:

Malli bdejt naħseb ftakart li jien ___________ nibda npespes u ___________ ħafna affarijiet. Nista' _____________ ħafna għanjiet sbieħ. Nista' ___________ fil-għoli tas-smewwiet, fuq djar, għoljiet. . . Kullimkien intir kieku kont bħal għasfur. *(2 marki)*

| **B. Sib mis-silta l-kelma jew idjoma li għandha din it-tifsira:** | |
|---|---|
| **Tifsira** | **Kelma / Idjoma** |
| **1. ħajtu kollha (par.1)** | |
| **2. sal-lum (par. 1)** | |
| **3. sirt naf (par. 2)** | |
| **4. mhux baxxi (par. 4)** | |
| **5. dar ta' l-għasafar (par. 5)** | |

*(5 marki)*

**Ċ. Ikteb kliem flok in-numri:**

L-iskola tagħna kull sena tmur tajjeb fl-i*sportsday.* Ġieli kien hemm xi **(40)** ____________ tifel u tifla jikkompetu f'xi **(20)** ___________ sport differenti. Ikun hemm min jiġi **(1)** __________ jew it-tieni. Ikun hemm ukoll min jieħu sehem f'xi **(3)** _____________ għamliet ta' sport bħalma huma ġiri, qbiż fit-tul jew fil-għoli. Ġieli ġabu xi **(12)** ______________ midalja lejn l-iskola. Kemm jifirħu meta jirbħu!







*(5 marki)*

**D. Ikkopja dil-kitba u daħħal il-punteġġjatura nieqsa. ( Hemm 5 )**

Alicia u ħuha marvin iħobbu jġemmgħu l-bolli huma għandhom album kbir u sabiħ fejn iqegħduhom u tgħidx kemm għandhom bolli Tgħid jibqgħu dilettanti tal-bolli meta jikbru



___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

*(5 marki)*

**E. Imla l-vojt fl-istorja skond kif mitlub fil-parentesi:**

## SKOLA KBIRA DAQS ID-DINJA - **minn kitba ta' Gianni Rodari**

Hemm skola _________ *(aġġettiv minn **kobor**)* daqs id-dinja. Fiha jgħallmu għalliema, professuri, avukati, bennejja, *producers,* ġurnalisti, sinjali tat-toroq, ix-xemx, il-maltempata u l- ____________ *(plural ta' **stilla**)*.




F'din l-iskola hemm _______________ *(plural ta' **lezzjoni**)* faċli, oħrajn ______________ *(il-kontra ta' **faċli**)* jew koroh, sbieħ u hekk u hekk.

F'din l-iskola titgħallem titkellem, tilgħab, torqod, tqum u tirrabja.

F'din l-iskola ___________ *(imperfett tal-verb **sar**)* eżamijiet il-ħin kollu, imma ħadd ma jirrepeti. Ħadd ma jista' _____________ *(imperfett tal-verb **waqaf**)* fl-eta` ta' għaxar snin, _______________*(in-numru **15**)* sena, għoxrin sena u jistrieħ ftit.

Din l-iskola ma tispiċċa qatt u dak li ____________ *(negattiv tal-verb **taf**)* huwa dejjem aktar importanti minn dak li diġa` taf.

Din l-iskola hija ____dinja (***l-artiklu** quddiem dinja)* kollha bil-kobor tagħha. _____________ *(imperattiv ta' **fetaħ**)* għajnejk u anke inti titgħallem.

*(10 marki)*

**F. Minflok:** ***Id**-dar **taz**-ziju* ngħidu: *Dar **iz**-ziju.*
***Xi ngħidu minflok:***

| | |
|---|---|
| a) L-omm tat-tifel. ____________  | b) Id-denb tal-pagun. ____________  |
| ċ) Ir-ras ta' l-iljun. ____________  | d) Ix-xatba tal-ġnien. ____________  |
| e) Il-ħajja tal-qattus. ____________  | |

*(5 marki)*

**Ġ. Aqra din l-istorja, imbagħad immarka t-tweġiba t-tajba għall-mistoqsijiet:**

# *Il-Mara li kienet tistkenn taħt il-kliem*



Darba waħda kien hemm mara li fettlilha toqgħod ġol-kelma **torri**. Għamlet ix-xita u nefaħ ir-riħ u l-mara xxarrbet għasra għax ma kien hemm xejn x'jilqgħalha. *(par. 1)*

Għalhekk iddeċidiet li tmur toqgħod taħt il-kelma **umbrella.** Ix-xita kompliet nieżla u r-riħ baqa' jonfoħ u l-mara xxarrbet għasra. Dażgur li tixxarrab għasra! Hija ma kellha xejn x'jilqgħalha. *(par. 2)*






Minħabba f'hekk hija qabadha riħ riħun. U għalhekk kellha tara kif tagħmel u tmur tieħu l-kura bil-kelma **mediċina**. Imma ħadet kemm ħadet minn din il-kelma, kien kollu għalxejn. (par. 3)

Jekk m'iniex sejra żball l-aħħar li rajtha lil din il-mara kienet fil-kelma **tebut**, għax hemmhekk tispiċċa jekk tmut. Imqar li dik il-mara stkennet taħt **tinda** ta' veru u mhux ġol-kelma. *(par. 4)*



| | | |
|---|---|---|
| 1. Il-kelma **fettlilha** *(par. 1)* jiġifieri: | i. bagħatha xi ħadd<br>ii. inzertat kienet hemm<br>iii. marret minn jeddha | |
| 2. Il-frażi **xxarrbet għasra** *(par. 1)* tfisser: | i. ixxarrbet ħafna<br>ii. ixxarrbet ftit<br>iii. ma xxarrbet xejn | |
| 3. Il-kelma **x'jilqgħalha** *(par.2)* tirreferi: | i. għar-riħ<br>ii. għall-mara<br>iii. għax-xita | |
| 4. Il-frażi **riħ riħun** *(par. 3) tfisser:* | i. riħ qawwi<br>ii. riħ ħafif<br>iii. riħ hekk u hekk | |
| 5. Il-frażi **jekk miniex sejra żball** *(par. 4) tfisser:* | i. naf sewwa<br>ii. ma nafx eżatt<br>iii. ma naf xejn | |

*(5 marki)*

**G. Imla l-vojt fl-istorja skond kif mitlub fil-parentesi:**

## *META NTLIFT FIL-FOLLA -*

**Kitba Ta' EMILY - Fir-raba' sena ta' l-iskola primarja**

________________ (*kelma waħda flok* ***żewġ ġimgħat)*** ilu mort il-Belt m' ommi u missieri. Dak inhar kienet il-festa ta' San Duminku. Rajt ____________ (*kelma oħra flok* **vara)** u ġietni x-_____________*(nom mill-verb* **xtaq)** li noqgħod ħdejha. Ommi u missieri ma ridunix, iżda jiena xorta bqajt hemm.

F'dak il-ħin il- ______________ (*kelma waħda għal* **grupp ta' nies li jdoqqu fil-festa)** bdiet iddoqq u l-marċ beda miexi. Jien ippruvajt

insib post minn fejn _____________ (*il-kontra ta'* **nidħol)**, iżda ma sibt imkien. Jien infqajt nibki.

Kien hemm raġel li tħassarni u _____________ *(kelma waħda flok* **staqsa lili )** x'kien ġrali. Jien _____________ *(kelma waħda flok* **għedt lilu)** kollox. __________ (*il-maskil ta'* **hija)** ħadni f'post fejn kien hemm it-tfal li kienu ntilfu.

Dak ir-raġel ħadni ħdejn il- _______________ (*kelma waħda flok* **il-kap tal-parroċċa)** li ħabbar fuq il-majkrofown li kien hemm tifla jisimha Emily li kienet mitlufa. Il- ______________ (*kelma waħda flok* **omm u missier)** tiegħi ma damux ma ġew u ħaduni magħhom.

*(10 marki)*

**Għ. Imla l-vojt bil-partiċelli:** ***xi, tad-, dil-, tan-, f'.***

# Fi Nżul Ix-Xemx - Mary Meylaq



Ma nafx ______ ġabra kollha
Kif saret hekk _____ mument,
Id-deh'b _____ dinja ntafa'
ġo ħoġor il-Punent.

Ftit wara d-deh'b jiddewweb
U jsir ġamar _____ nar,
Bħal basket ċentifolju,
Kif warrad!. . . _____ ġmiel sar!

*(5 marki)*

**H. Ikteb ittra lill-ħbieb tiegħek Denis u Martina. Stedinhom għall-*party* ta' għeluq sninek.** *Ikteb pulit u bla żbalji. TIKTIBX ISMEK.*

- **Data u ħin: Il-Ħamis 27 ta'Mejju bejn is-6.00 u 8.00 ta' fil-għaxija;**
- **Post: *Sala tal-Festi;***
- **Tista' tgħidilhom ukoll li jekk ikunu jridu, wara twassluhom id-dar.**

*23 Triq il-Qadima,*
*Ħal Ħarrub. ĦRB 7*
____________________(data)

____________________________

*Inselli għalikom ħafna,*
*Ħabibkom Eric*

**(10 marki)**

**Ħ. Fil-parentesi hemm kliem imħawwad. Irranġah f'ordni tajjeb biex joqgħod sew f'din il-kitba u tkun tinftiehem.**

*(5 marki)*

# IN–NEMUS



Uff xi dwejjaq kemm hawn nemus!

Din in-nemusa hija ____________ ______________ *(wisq fitt insett)*.

Ħares lejn ġwenħajha. Qed tarahom? Kont taf li barra ___________________________ *(li tara qed dawk)* n-nemusa għandha żewġt iġwienaħ oħra?

Taf li dawn il-ġwienaħ jintużaw biex in-nemusa żżomm il-bilanċ meta ttir?

Naħseb taf li n-nemusa tagħmel il-ħsara. Taf il-għala? Għax in-nemusa tixrob id-demm. ___________________________ *(il-mard bħall- ġġorr hija)* malarja u d-diżenterija.

Taf li hemm nemus li jagħmel il-ħsara lill-ħxejjex tar-raba'? Imma naħseb li ma tafx huwa li _________________________________ *(nemus il-ġid li hawn jagħmel)*.Taf il-għala? Għax huwa predatur ta' insetti oħra, jiġifieri jgħix minn fuq insetti oħra li jagħmlu l-ħsara.Taf il-għala wkoll?

Għax_____________________________ *(il-fjuri idakkar in-nemus)*. Uff xi dwejjaq din in-nemusa kemm hi fitta!

**I. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.** *Nerġgħu nfakkru li żbalji ta' l-ortografija, sentenzi miktuba kif ġie ġie, kif ukoll nuqqas ta' paragrafi f'posthom itellfu l-marki. Ikteb pulit u kun immaġinattiv.*

**(25 marka)**

1. **L-isport favorit tiegħek.**

   *Iddeskrivi kif jintlagħab, u agħti raġunijiet għala tħobbu jew għax hu popolari. Jista' jkun sport li jintlagħab kemm barra kif ukoll ġewwa.*

2. **L-użu tal-kompjuter fi żmienna.**

   *Għalxiex tużah int? Għalxiex tużawh id-dar? Għaliex jintuża fil-ħwienet, fl-uffiċċji, eċċ? X'tista' tagħmel bil-kompjuter?*

3. **Għaliex inħobb jew ma nħobbx naqra.**

   *Agħti raġunijiet għala tħobb jew ma tħobbx il-qari. Hemm jew m'hemmx affarijiet oħra li bihom tista' titgħallem minflok bil-qari?*

4. **Jenny u Mark iltaqgħu qabel daħlu l-iskola. Huma qagħdu jitkellmu fuq il-programm favorit tagħhom għat-tfal fuq it-televixin. Ikteb x'qalu f'GĦAMLA TA' DJALOGU.**

   *Żomm din il-forma:*
   ***Jenny:*** *Bonġu Mark, rajt televixin il-bieraħ?*
   ***Mark:*** *Ara Jenny! Iva rajt . . .*

5. **Lestejtu kollox biex tmorru jum fil-kampanja. Iżda għamlet ix-xita u kellkom tibqgħu d-dar. X'għamiltu minflok?**